6) Peress li l-qorti nazzjonali kkonstatat l-abbuż fir-reklutaġġ suċċessiv tal-impjieg pubbliku statutorju temporanju interim għas-servizz ta' SERMAS, li huwa intiż sabiex ikopri neċessitajiet permanenti u strutturali tal-provvista ta' servizzi tal-impjegati statutorji fissi, peress li fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ma teżisti ebda miżura effettiva sabiex dan l-abbuż jiġi ssanzjonat u li jiġu eliminati l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt Komunitarju, il-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lill-qorti nazzjonali li tadotta miżuri effettivi u dissważivi li jiggarantixxu l-effett utli tal-Ftehim Qafas, u għaldaqstant, li tissanzjona dan l-abbuż u telimina l-konsegwenzi tal-ksur ta' din ir-regola Ewropea, u b'hekk tipprekludi milli tiġi applikata r-regola nazzjonali li timpedixxi dan?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv, u fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 41 tas-sentenza tagħha tal-14 ta' Settembru 2016, C-184/15 u C-197/15 [2]:

It-trasformazzjoni tar-relazzjoni statutorja ta' xogħol temporanja interim/eventwali/sostituzzjoni, f'relazzjoni statutorja stabbli, kemm permezz ta' din il-ħatra bħala impjegat pubbliku fiss kif ukoll għal żmien indeterminat, bl-istess stabbiltà fl-impjieg bħall-impjegati statutorji fissi paragunabbli tkun konformi mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttiva 1999/70/KE, bħala miżura għall-prevenzjoni u għall-issanzjonar tal-abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva u sabiex tiġi eliminata l-konsegwenza tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni?

7) Fil-każ ta' abbuż fir-relazzjoni ta' xogħol temporanja suċċessiva, il-konverżjoni tar-relazzjoni statutorja temporanja interim f'relazzjoni għal żmien indeterminat jew fissa tista' tinftiehem li titwettaq biss skont l-għanijiet tad-Direttiva 1999/70/KE u tal-Ftehim Qafas tagħha, meta l-impjegat statutorju temporanju li jkun bata l-abbuż igawdi mill-istess kundizzjonijiet identiċi ta' xogħol fir-rigward tal-persunal statutorju fiss (fil-qasam ta' protezzjoni soċjali, promozzjoni professjonali, ħruġ ta' pożizzjonijiet vakanti, taħriġ professjonali, leave mingħajr ħlas, sitwazzjonijiet amministrattivi, leave ta' tip ieħor, drittijiet għall-pensjoni, u waqfien ta' pożizzjonijiet ta' xogħol, kif ukoll il-parteċipazzjoni għall-kompetizzjonijiet organizzati sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti u l-promozzjoni professjonali), konformement mal-prinċipji ta' permanenza u ta' irremovibbiltà, bid-drittijiet u obbligi inerenti kollha, fuq livell ta' ugwaljanza mal-ispeċjalisti informatiċi statutorji fissi?

8) Id-dritt Komunitarju jobbliga li ssir reviżjoni ta' sentenzi/atti amministrattivi definittivi f'dawn iċ-ċirkustanzi deskritti kif ġej, meta jiġu ssodisfatti l-erba' kundizzjonijiet meħtieġa fis-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz NV (C-453/00) [3]: 1) fid-dritt Spanjol, l-Amministrazzjoni u l-qrati għandhom is-setgħa ta' reviżjoni, iżda bir-restrizzjonijiet rikonoxxuti li jagħmlu din ir-reviżjoni diffiċli ħafna jew li jkun impossibbli li tintlaħaq; 2) id-deċiżjonijiet ikkontestati saru definittivi bħala konsegwenza ta' sentenza ta' qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar/fl-unika istanza; 3) din is-sentenza hija bbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mhux konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li ġiet adottata mingħajr ma l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ġiet adita b'talba għal deċiżjoni preliminari; u 4) il-persuna kkonċernata kienet indirizzat ruħha quddiem korp amministrattiv malli saret taf b'din il-ġurisprudenza?

9) Il-qrati nazzjonali bħall-qrati Ewropej li għandhom jiggarantixxu l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri, jistgħu u għandhom jeħtieġu, u jikkundannaw lill-awtorità amministrattiva nazzjonali tal-Istati Membri sabiex – fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom – jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jiġu eliminati r-regoli nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod ġenerali, u mad-Direttiva 1999/70/KE, u mal-Ftehim Qafas tagħha, b'mod partikolari?

---

(1) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

(2) Sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López (C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680).

(3) Sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz (C-453/00, EU:C:2004:17).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-13 ta' Frar 2018 – Asociación Española de la Industria Eléctrica (UNESA) vs Administración General del Estado**

**(Kawża C-105/18)**

(2018/C 161/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Asociación Española de la Industria Eléctrica (UNESA)

*Konvenuta:* Administración General del Estado

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju ambjentali ta' min iniġġeż iħallas, stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tat-23 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi l-prinċipju tal-irkupru tal-ispiża tas-servizzi relatati mal-ilma kif ukoll il-kumpens ekonomiku xieraq għall-użu tal-ilma, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-introduzzjoni ta' tariffa għall-użu tal-ilmijiet interni għall-produzzjoni tal-enerġija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tinkoraġġixxix l-użu effiċjenti tal-ilma, u lanqas tistabbilixxi mekkaniżmi għall-konservazzjoni u għall-protezzjoni taż-żoni għall-pubbliku, li r-rata tagħha ma hija bl-ebda mod marbuta mal-kapaċità li tikkawża ħsara liż-żoni ta' ilma għall-pubbliku, peress li tiffoka biss u esklużivament fuq il-kapaċità tal-produtturi li jiġġeneraw dħul?

2) Taxxa bħat-tariffa idrawlika inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonċerna esklużivament il-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-Komunitarji iżda mhux il-produtturi li għandhom konċessjonijiet f'ilmijiet intra-Komunitarji u l-produtturi li jużaw teknoloġija idroelettrika iżda mhux dawk li jipproduċu enerġija b'teknoloġiji oħra, hija konformi mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi stabbilita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ([2])?

3) L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impożizzjoni ta' tariffa idrawlika, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għad-detriment tal-produtturi ta' enerġija idroelettrika li joperaw f'ilmijiet inter-Komunitarji, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ipprojbita, peress li tintroduċi sistema ta' tassazzjoni asimmetrika fl-istess qasam tat-teknoloġija skont il-post li fih jinsab l-impjant u ma hijiex imposta fuq il-produtturi ta' enerġija minn sorsi oħra?

([1]) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275).

([2]) Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-13 ta' Frar 2018 – Energía de Galicia (Engasa) S.A. vs Administración General del Estado**

**(Kawża C-106/18)**

(2018/C 161/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Energía de Galicia (Engasa) S.A.

*Konvenuta:* Administración General del Estado